KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**It-9 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 1/25**

14 ta' Jannar 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Nadine Micallef - Kunsilliera

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

**1.25.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

1.25.1.1 Is-Sa Micallef infurmat illi ma tistax tattendi għax tinsab imsiefra.

Is-Sa Sultana nfurmat li ser tasal aktar tard.

**1.25.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

1.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 1.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

1.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sur Vincent Bongailas l-minuti ta' seduta 1.25 ġew approvati unanimament.

1.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**1.25.3 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

3.24.7.7 **Oġġezzjoni dwar l-Applikazzjoni bin-Numru ta' Referenza PC/00070/22**

Is-Sindku fakkar li fil-15 ta' Jannar 2025, il-Kunsill ser jagħmel laqgħa mal-avukat tal-Kunsill sabiex jagħtih parir legali kif l-aħjar għandu jimxi.

3.24.5.2 **Tender tal-Bulky Refuse**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur il-ġdid beda s-servizz tal-bulky. Jidher li s-servizz qiegħed jibda aktar kmieni u b'aktar effiċjenza tant li l-kuntrattur qiegħed iħalli nota f'kull residenza f'każ li ma jsibx dak li jkollu mniżżel fil-lista. Il-Suindku żied jgħid li huwa jinsab sodisfatt b'dan is-servizz.

5.24.4.1 **Espressjoni ta' Interess għall-Xufier Azzjonali tal-Vann tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv ivverifika mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-Espressjoni ta' Interess li ħarġet għall-ħaddiema tal-Kunsill u dawk li huma assenjati mal-istess Kunsill. Huwa ġie ggwidat li l-Kunsill ma jistax iħallas persuna li taħdem *full-time* u fl-istess ħin toffri s-servizz bħala xufier u titħallas tiegħu wkoll. Fid-dawl ta' dan, l-Espressjoni ta' Interess ser tiġi rtirata.

Il-Kunsill ser jagħmel talba esterna sabiex jinstab *releaver* minn fost ir-residenti Kalkariżi u jagħmlu b'mod volontarju. Filfrattemp ser isir talba mal-Community Workers Scheme għal istess talba.

7.24.4.3 **Għodwa taċ-Ċitru**

Is-Sindku mar jivverifika l-ispazji disponibbli għall-bankarelli fil-ġnien ta' Villa Portelli ħalli jkun jista' jipprepara l-loġistika għall-attivita' ta' Festa Ċitru. Ġie nnutat illi fil-ġnien, l-ispazju huwa limitat ħafna tant li ser tkun impossibli li l-attivita' tiġi orġanizzata hemmhekk. Għalhekk l-attivita' ser isir f'Misrah Arcisqof Gonzi fejn hemm spazju aktar miftuħ għat-tqegħid tal-bankarelli, kiosk informattivi u logħob għat-tfal. Is-Sindku ikkolabora ma' Hertage Malta biex dakinhar jinfetaħ xorta ġnien ta' Villa Bighi. Ser ikun hawn id-dgħajjes tal-pass li ser joffru dawra bil-baħar li jitlaq minn quddiem l-istatwa ta' San Ġużepp jibqa sejjer taħt Bighi sa Fort Ricasoli. Għall-attivita' ser jarmaw madwar 15 -il bankarella u ġew mistiedna gruppi li joffru mużika forkloristika u għana tradizzjonali. Din is-sena mhux ser ikun hemm bankarelli li jipprovdu xorb minħabba li hemm l-istabbilimenti fl-istess Misraħ.

Din l-attivita' ser tkun l-ewwel waħda li ser issir fil-Misraħ wara li tlesta l-proġett tax-Xatt.

Il-Heritage Malta ser jipprovdi kiosk informattiv, li ser joffri dokumentarju dwar opri f'qiegħ il-baħar Malti permezz ta' *virtual reality.*

Is-Sindku qal li jekk it-temp jippermetti ser ikun hemm marċ bl-*iscouts.* Qiegħed jaħseb ukoll li jkun hemm il-Vintage Bus li tkun qed tagħmel rotta madwar il-Kalkara.

Is-Sur Bongailas talab li jkun hemm xi tip ta' *barriers* biex tiżdied is-sigurta`.

6.24.4.2 **Laqgħa ma' SportsMalta għall-Użu tal-Pixxina fil-Kunpless Sportiv ġewwa l-Kottonera**

Is-Sindku qal li l-interess kien wieħed tajjeb ħafna tant li bħalissa hemm madwar 44 persuna li qed tattendi. Uħud mill-applikanti rringrazzjaw is-Sindku. Żied jgħid li din kienet wegħda elletorali oħra li ġiet mwettaq b'suċċess.

**1.25.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

1.25.4.1 Xjenza Malta għamlet kuntatt mal-Kunsill għax għandhom 11 bins tal-**istainless steel** li huma fi stat tajjeb iżda li ma bagħux għal użu tagħhom. Il-Kunsill ser joħodhom u ser jużahom f'postijiet pubbliċi ħalli jibdel dawk li huma antiki.

1.25.4.2 **Xogħolijiet ġewwa Villa Portelli**

Is-Sindku tkellem mal-Kunsill dwar l-*Annex* ta' Villa Portelli devoluta lill-Kunsill Lokali u li hemm pjanata li ssir l-binja uffiċjali tal-Kunsill. Din il-binja ser tiġi restawrata mill-ġdid. Fl-aħħar jiem, is-Sindku, is-Sa Micallef u s-s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-perit żaru din il-binja. Il-perit li ser

jipprepara stima tax-xogħolijiet u r-restawr neċessarji. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsilliera Nadine Micallef tal-kontribut u l-assistenza professjonali tagħha biex ġew preparati l-pjanti tal-binja.

Il-Perit mqabbad mill-Kunsill ser jiggwida l-Kunsill bix-xogħolijiet neċessarji u biex jassisti fid-dokumentazzjoni li jinkludu l-*bill of quantities* (BOQ), stimi u permessi inkluż l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar.

Is-Sindku qal li l-binja ser ikollha *lift* ġdid biex ikun aċċessibbli għal kulħadd. Fi Frar 2025, hemm pjanat li tiġi sottomessa l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar. Żied jgħid li l-ħajt tal-faċċata fi Triq l-Għassieli ser jitwaqqa' ħalli l-entratura prinċipali tkun estetikament sabiħa u aċċessibli. Ser jinbena *boundary wall* bejn il-ġnien ta' Villa Potrelli u l-binja tal--Kunsill.

F'dan l-istadju, il-Kunsill qiegħed unanimament japprova biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar.

1.25.4.3 **Xogħol fuq is-*Slipway* tax-Xewkija**

Is-Sindku qal li kien hemm xi sidien tal-*yachts* li jridu jtellgħu d-dgħajsa tagħhom fil-post assenjat lilhom fiż-żona tax-Xewkija. Minħabba li hemm il-passaġġ dejjeq, hemm il-ħtieġa li titwessa parti żgħira u jitieħed madwar metru mill-islipway biex ikun hemm aċċess għall-*crane* ħalli jkun jista' jimmanuvra u jtella' l-yachts mill-baħar.

Is-Sindku nforma li sabiex isiru x-xogħolijiet neċessarji, is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-kwotazzjonijiet.

Il-Kunsill unanimament qabel li jsiru x-xogħolijiet li hemm bżonn.

Minħabba mpenji personali, is-Sa Sultana ngħaqdet għal-laqgħa tal-Kunsill fit-3pm.

1.25.4.4 **Approvazzjoni tal-Performance Appraisals tal-Impjegati tal-Kunsill**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv evalwaw l-ħidma tal-impjeġati tal-Kunsill Lokali u qedgħin jiġu rrakomandati il-persentaġġi tal-Performance Appraisal kif indikat hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Etienne Scicluna, Segratarju Eżekuttiv | 10% |
| Maria Dolores Camilleri, Executive Officer | 6% |
| Deemer Bilocca, Executive Officer | 6% |
| Brian Loffreda, Contracts Manager | 6% |
| Martin Meilaq, Handyman | 6% |

Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakkomandazzjoni tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**1.25.5 Korrispondenza**

**1.25.5.1 Approvazzjoni tal-Pagamenti Onlajn**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi l-kwistjoni tal-approvazzjoni tal-pagamenti onlajn li tqajmet minn waħda mill-iskrivani tal-Kunsill ġiet riżolta.

**1.25.5.2 Stedina lill-Kunsill Mill-Iskola Sekondarja tal-Verdala**

Il-Kunsill ġie mistieden mill-Kap tal-Iskola Sekondarja tal-Verdala nhar il-21 ta' Frar 2025. Il-Kunsill laqa' l-istedina u ser tattendi s-Sa Sultana.

**1.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Is-Sa Speranza Chircop

1.25.6.1 Fil-17 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill kellhom żjara ta' kortesija għand l-Eċċellanza Tagħha, il-President ta' Malta, is-Sa *Mriam* Spiteri Debono ġewwa l-Palazz tal-Verdala. Il-Kunsill ippreżenta d-donazzjoni ta' €400 u li ser imorru għall-Community Chest Fund.

1.25.6.2 Fit-16 ta' Diċembru 2024, is-Sa Chircop organzzat serata u festin tal-Milied għall-anzjana fis-Sala Parrokkjali.

1.25.6.3 Is-Sa Chircop organizzat żjara għall-anzjani biex jaraw il-presepji f'lokalitajiet differenti.

1.25.6.4 Is-Sa Chricop reġgħet resqet it-talbiet tar-residenti sabiex jitwaħħlu t-tabelli neċessarji ta' ħdejn il-Viri's Take Away. Dan għaliex, il-vetturi jkunu jistgħu jduru lejn il-karreġjata li tagħti għall-Xjenza Malta. Is-Sindku wieġeb li t-tabelli ġew ordnati u ser jitwaħħlu kif jaslu għand il-Kunsill. Wara li jitwaħħlu t-tabelli neċessarji, il-Kunsill ser jibgħat rapport lit-Transport Malta sabiex ikunu nfurmati b'dan it-tibdil. Fil-frattemp, il-Kunsill ser ikun qiegħed josserva l-andament ta' dan it-tibdil.

1.25.6.5 Is-Sa Chircop talbet in-numru ta' persuni li għamlu użu mill-Blood Unit. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekja mal-organizzatur tal-Mobile Blood Unit.

1.25.6.6 Fi Frar, s-Sa Speranza ser torganizza ħarġa kulturali.

1.25.6.7 Is-Sa Speranza nfurmat li llum saret l-ewwel sessjoni ta' taħriġ dwar it-tekonoloġija.

1.25.6.8 L-Erbgħa 29 ta' Jannar fis-6pm ser tinżamm laqgħa dwar it-trasport pubbliku sabiex jisimgħu l-proposti u l-ilmenti tar-residenti u jgħadduhom lil Transport Malta.

Is-Sa Maria Sultana

1.25.6.9 Is-Sa Sultana nfurmat lill-Kap tal-iskola tal-Primarja dwar il-laqgħa li ser issir dwar il-Kunsill tat-Tfal.

1.25.6.10 Il-Kap tal-iskola tal-Primarja ġibdet l-attenzjoni tas-Sa Sultana dwar l-arkati li jinsabu kkundannati u l-assistenza tal-Kunsill għar-restawr ta' arblu għax jidher ikrah fil-għajn.

Is-Sur Vincent Bongailas

1.25.6.11 Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill li ser isir xogħol volontarju mill-studenti tal-MCAST bejn is-27 u 31 ta' Jannar 2025. Ix-xogħol jinvolvu qtugħ ta' ħaxix u żebgħa.

1.25.6.12 Fil-25 ta' Jannar 2025, is-Sur Bongailas ser jorganizza laqgħa għall-persuni b'diżabilita` u ser jiddiskutu l-proposti tagħhom.

**1.25.7 Punti Ġenerali**

1.25.7.1 Is-Sa Sultana rringrazzjat il-ħaddiema tal-Kunsill tat-tibdil tal-bozza l-parti t'isfel ta' Triq Triq Santa Filomena.

1.25.7.2 Is-Sa Sultana talbet biex jiġi tranġat sprall fuq il-bankina fi Triq Santu Rokku.

1.25.7.3 Is-Sa Speranza talbet li jsiru t-tiswijiet fuq il-bankina fi Triq Santa Filomena.

1.25.7.4 Is-Sa Speranza nnutat li l-karozzi tal-lina mhux qed timxi mal-iskeda tal-ħinijiet kif stipulat.

**1.25.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

1.25.8.1 Is-Sur Bongailas staqsa lis-Sindku biex jara f'hiex waslet il-bye-law tax-Xewkija. Is-Sindku wieġeb li ser issir fil-futur qarib.

1.25.8.2 Is-Sa Sultana staqsiet dwar id-donazzjonijiet fuq it-tiżjin tal-Milied fil-Kalkara u xi proċedura ntużat biex sar it-tqassim lill-każini u l-għaqdiet. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ħareġ sejħa pubblika għal min jixtieq jarma t-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku żied jgħid li kien hemm min għamel kuntatt dirett miegħu u nnota li dawk li ċemplulu ma ssottomettewx l-interess tagħhom. L-unika nteress li rċieva l-Kunsill kienet mingħand il-kuntrattur tal-Każin taċ-Circola Filarmonika San Guzeppe. Il-kuntrattur applika f'isem din is-Soċjeta` biex jagħmel l-armar. Iġifieri, il-Kunsill ma għamel l-ebda għażla lill min ser jagħti l-flus iżda kien hemm sejħa u saret l-għażla. Is-sejħa ġiet ippublikata fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill. Is-Sindku tenna li ħadd ma jista' jikkritika li s-sejħa ma kinitx pubblika. Aparti minn hekk intgħataw donazzjonijiet mingħand l-Awtorita` tat-Turiżmu permezz ta' skema u mingħand Xjenza Malta. Mis-sejħa li ħarġet, ġie nnutat li kien fadal xi ftit flus mid-donazzjonijiet u għalhekk talab lill-każini u l-għadqiet iżejnu minn jeddhom. Il-Każin Circolo Filarmonika San Guzeppe żejnu l-Pjazza tas-Sagra, ramaw siġra tal-Milied, presepju u żejnu bid-dawl parti minn Triq Rnella u ngħataw donazzjoni ta' €350. Il-Kalkara Regatta Club għamlu Siġra tal-Milied u dawl ta' Bruno Stores u ngħataw id-donazzjoni ta' €250. Il-Każin ta' Malta Rebbieħa għamlu fustun ħdejn il-Każin u ngħataw donazzjoni ta' €150.

1.25.9 **<u>Mozzjonijiet</u>**

1.25.10 **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti</u>**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

1.25.11 **<u>Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

Is-seduta ntemmet fit-3:44pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Frar 2025, fil-2.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**